Verżjoni Elettronika

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,020, 14 ta' Marzu, 2023*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru VI tal-2023**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex jemenda l-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.**

**ACT No.VI of 2023**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Civil Code, Cap. 16.**

Verżjoni Elettronika



“

Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)** **GEORGE VELLA**
**President**

14 ta’ Marzu, 2023

## ATT Nru VI tal-2023

*ATT sabiex jemenda l-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor. Kap. 16.

**1.** It-titolu ta’ dan l-Att hu l-Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi Ċivili u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Ċivili, hawn iżjed ’il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi".

Emenda tal-artikolu 54 tal-Kodiċi.

**2.** Fis-subartikolu (5) tal-artikolu 54 tal-Kodiċi, il-kliem "skont il-każ." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont il-każ:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

> "Iżda għall-finijiet ta’ dan is-subartikolu, il-qorti tista’ wkoll tordna lid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali sabiex jittrasferixxi porzjon ta’ kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-konjuġi responsabbli għall-manteniment lill-konjuġi li jkollha tirċievi l-manteniment, liema porzjon ta’ kontribuzzjonijiet hekk trasferiti, magħdud flimkien mal-kontribuzzjonijiet li jkollha f’isimha proprju matul iż-żwieġ il-parti li qed tirċievi tali trasferiment, m’għandhomx jeċċedu fit-total tagħhom in-nofs tat-total ta’ kontribuzzjonijiet li jkunu ħallsu flimkien iż-żewġ (2) konjuġi fil-perjodu kollu taż-żwieġ tagħhom.".

Verżjoni Elettronika



Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 96 tas-7 ta' Marzu, 2023.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

Verżjoni Elettronika



I assent.

**(L.S.)** **GEORGE VELLA**
**President**

14th March, 2023

## ACT No. VI of 2023

*AN ACT to amend the Civil Code, Cap. 16.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Civil Code (Amendment) Act, 2023 and this Act shall be read and construed as one with the Civil Code, hereinafter referred to as "the Code". Short title. Cap. 16.

**2.** In sub-article (5) of article 54 of the Code, the words "as the case may be." shall be substituted by the words "as the case may be:" and immediately after there shall be added the following new proviso: Amendment of article 54 of the Code.

> "Provided that for the purposes of this sub-article, the court may also order the Director General of Social Security to transfer a portion of social security contributions of the spouse liable to supply maintenance to the spouse to whom maintenance is due, which portion of contributions so being transferred, when adding also the contributions which the party who is receiving said transfer had paid in the said party's own name during marriage, shall not exceed in total thereof one-half of the total contributions paid by the two (2) parties together during their marriage.".

Verżjoni Elettronika



Passed by the House of Representatives at Sitting No. 96 of the 7th March, 2023.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

Verżjoni Elettronika

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**